# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Gunju 2002**

**Numru 1**

**Avviz numru 2187/98mm**

**Maltacom PLC**

**Vs**

**Natalie u Lafti konjugi Hamdi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Novembru, 1998, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lis-socjeta' attrici (li b'att tal-Parliament qeghda tissostitwixxi dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Korporazzjoni Telemalta) is-somma ta' tmien mitt lira Maltin u tmien centezmi (Lm800.08), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 245875 (skond kif jirrizulta mill-anness dokument A) liema servizz gie nsallat mill-Korporazzjoni Telemalta gol-fond 7, Atocia Street, - Hamrun, skond ma kif jirrizulta mis-'service agreement' anness dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru, 1998, tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi nkonnessjoni mad-drittijiet professonali u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepixxew:

Illi kwantu ghal meritu, t-talba attrici hija nfondata stante li l-ammont mitlub huwa esagerat sija kwantu ghal dak li jirrigwarda uzu (pulses) tal-istess servizz u sija ghal dak li jiirrigwarda kera tas-servizz, li jinkludi kera ghal perjodu meta s-servizz gie sospiz;

Illi kwantu ghall-ispejjez tal-kawza odjerna, dawn m'ghandhom qatt jigu allokati lill-konvenuti stante li l-istanza odjerna giet prezentata minkejja talbiet ripetuti u gustifikati lis-socjeta' attrici sabiex din taghti rendikont tal-ammont reklamat li min-naha taghha baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' ftehim iffirmat fl-14 ta' Dicembru 1993, il-konvenuta kienet talbet u ottjeniet is-serviz tat-telephone mis-socjeta' attrici. Dan is-servizz gie pprovdut u jidher illi sar uzu minnhu tant illi bdew jintbaghtu l-kontijiet.  Dawn pero' ma kienux qed jigu mhallsa u l-linja

giet defenittivament maqtugha fit-13 ta' Frar, 1998, wara li s-servizz gie sospiz fit-12 ta' Mejju, 1997.

Skond Saviour Farrugia l-ammont mitlub fl-Avviz u cioe' tmien mitt lira Maltin u tmien centezmi (Lm800.08) jkopri l-perijodu mit-2 ta' Settembru, 1994, sa' Dicembru, 1997.  A Fol 16 ta' process hemm esebit *statement* fejn is-socjeta' attrici qeghda tiggustifika l-ammont mitlub.  Minn dan l-i*statement* hemm cifra partikolari ghas-somma ta' hames mija u sbatax-il lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm517.55) illi l-konvenuti qeghdin jikkontestaw bil-kbir u ghalhekk talbu illi jinghataw *itemised bill* ta' dawn l-ammonti.

L-*itemised bill* gie pprovdut, pero' xorta baqa' kwistjoni dwar parti mill-ammont ta' hames mija u sbatax-il lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm517.55), peress illi hemm ammont minnhom illi ma jistax jigi ri-intraccat.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' John Tanti fejn ta spjegazzjoni ta' l-*itemised bill* u il-*pulses* illi jidhru abbinati mall-kont.  Is-Sur Tanti xehed li skond dawn il-*pulses* c-cifra tlahhaq l-ammont ta' tlett mija u sebgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm397.60).  Qal ukoll li probabbilment id-differenza bejn din l-ahhar cifra u cifra ta' hames mija u sbatax-il lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm517.55), illi tidher a Fol 16, tirrizali ghal xi kontijiet li saru qabel Settembru,1994, peress illi ma rnexxilux isib *records* qabel din id-data.

Ghalhekk jekk mic-cifra ta' tmien mitt lira Maltin u tmien centezmi (Lm800.08) li s-socjeta' attrici qeghda titlob f'dan l-Avviz, tnaqqas l-

ammont ta' (Lm119.95), ammont mhux gustifikat mill-provi, tibqa' c-ciftra ta' sitt mija u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm680.13), liema cifra hija konfortata mid-dokumenti esebiti.

Min-naha l-ohra, l-konvenuta tghid illi kien impossibbli illi ghamlet dawn il-kontijiet kollha.  Id-dar kien hemm biss hija, zewgha u it-tifel u zewgha kien dejjem juza *card* meta jaghmel telefonati fl-esteru.  Il-Qorti jidhrilha li din ix-xhieda mhijiex bizzejjed biex tirribatti l-prova illi qeda ggib is-socjeta' attrici.  Evidentement zewgha kien juza s-servizz tat-*telephone* illi kien installat fid-dar taghhom ferm aktar spiss milli l-konvenuta lesta tammetti.

Ta' min jghid illi zewgha ma giex jixhed quddiem din il-Qorti u ghalhekk ghal dak illi jirrigwarda l-operat tieghu, x-hieda tal-konvenuta tibqa' dejjem *hearsay* u ghalhekk mhijiex f'pozizzjoni tikkonferma l-frekwenza ta' l-uzu li kien jaghmel zewgha bit-*telephone* installat id-dar.  Dan jaghmel ix-xhieda taghha mhux affidabbli u zgur ghal dik il-parti, li s-socjeta' attrici nrexxilha tipprova, t-talba taghha ghandha tigi milqugha.

Jista' jaghti l-kaz illi kien hemm xi skrivan min-naha tas-socjeta' attrici illi kien arroganti u goff fl-attitudni tieghu versu t-talba taghha.  Pero' b'daqshekk ma jfissirx illi l-*pulses* ma sarux u l-anqas ma rrizulta xi nuqqas tekniku da parti tat-Telemalta illi seta' addebita kontijiet lill-konvenuta illi ma kienux ta' origini mis-sevizz taghha.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha, illi ghal dak l-ammont illi gie ppruvat, s-socjeta' attrici timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm680.13), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni man-numru tat-*telephone* 245875, liema servizz gie nsallat mill-Korporazzjoni Telemalta gol-fond 7, Atocia Street, - Hamrun.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Deputat Registratur